MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 879/1993/2

**Dr. Simon Micallef Stafrace bhala rappresentant tas-socjeta Formosa & Camilleri Limited u din bhala agenti Malta tas-socjeta Assikurattrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assigura taghha Dai Trading Agency Limited**

**vs**

**Valletta Freight Services  Limited u din bhala agenti Malta ta' Cross Water-Line armaturi tal-vapur "Ulf Ritcher"  u Godwin Abela u Alfred E. Aquilina ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta The Cargo Handling Company Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:-

Illi s-socjeta Dai Trading Agency Limited importat gewwa Malta fuq il-vapur "Ulf Ritcher" konsenja ta' "sony equipment";

Illi wara li waslet din il-merkanzija f'Malta fit-12 ta' Lulju, l992 u inhattet f'idejn is-socjeta The Cargo Handling Company Limited l-assigurat tal-atur gabar il-merkanzija in kwistjoni u sab li il-merkanzija kellha in-nuqqas kif spjegat fid-dokument A;

Illi ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur nomine u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghi tal-hsarat u danni li gew lilu kawzati u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat;

Illi l-attur nomine jikkwantifika l-hsarat u nuqqasijiet riportati fil-merkanzija tal-assigurat tieghu fl-ammont ta' erba mija u hdax il-lira u tmenin centezmu (Lm411.80) inkluz f'din il-figura l-ammont ta' hamsa u tletin lira (Lm35) imhallsa bhala survey fee;

Illi il-konvenuti nomine jew min minnhom huma responsabbli ghal-dawn id-danni;

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenuti jghidu ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex :-

1. Tiddikkjara lill-konvenuti nomine jew min minnhom responsabbli ghall-hsarat kagjonati fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur nomine;

2. Tillikwida id-danni sofferti mill-assigurat tal-attur nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-istess attur fis-somma t' Lm411.80;

3. Tikkundanna lill-konvenuti nominee jew min minnhom ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' Lm411.80 bhala danni sofferti mill-attur nomine li ghalihom huma responsabbli il-konvenuti nomine jew min minnhom - kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjes u interessi legali mid-data tal-pagament indikat fis-surroga fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi, kontra il-konvenuti nomine li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Godwin Abela et nomine fejn gie eccepit :-

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti m'ghandhom ebda relazzjoni mal-atturi, stante li kif jirizulta mic-citazzjoni u okkju attrici, is-socjeta Dai Trading Agency Limited hemm citata, qatt ma ssurrogat lis-socjeta attrici, kif jirrizulta minn Dok "B" No. 920658 a fol.7 tal-proces, fejn jirrizulta li hlas u s-surroga saru minn Forestals Appliances Limited u ghalhekk is-socjeta attrici m'ghandha l-ebda 'Locus Standi";

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut et nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija 'de quo' giet sbarkata bil-hsarat minn gol-container numru TPHU 465491/5 kif jirrizulta mid-damage report u mill-Gate Pass Out numru l59851. Meta il-merkanzija tigi sbarkata f'pakki difettusi ma titqiesx li tkun saret konsenja tal-oggetti lis-Superintendent jew lill-kuntratur ai termini tal-Artikolu 86 ta' l-Ordinanza tal-l966 dwar il-Portijiet;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess, is-survey esebit ghandu jigi sfilzat, stante li huwa maghmul "ex parte' u kwindi mhux ammess bhala prova;

4. Illi fir-raba lok u bla pregudizzju ghall-premess, dak li huwa deskritt bhala survey fees u fic-citazzjoni f'dik s-small claim information form huwa bhala agency fees f'Dok "A" a fol.6 tal-proces u bhala spejjes proprio tas-socjeta attrici ma jistghux jigu riklamati kontra l-esponenti et nomine li mieghu l-esponenti et nomine m'ghandu ebda relazzjoni giuridika, u dana ai termini tas-sentenza datata 6 ta April, l992 fil-Qorti tal-Appell Sede Kummercjali fl-ismijiet Dr. Robert Staines u Walter Camilleri vs Chev. Silvio Mifsud u Godwin Abela u John Cavallo (Citaz. nru. ll2/86);

5. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rispinti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Godwin Abela et nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Valletta Freight Services Limited fejn gie eccepit :-

1. In-nullita tan-notifika tac-citazzjoni u l-avviz ghas-smiegh tal-kawza billi dawn ghandhom l-intestatura ta' Qorti li m'ghadiex tezisti taht il-ligi taghna;

2. Subordinatament u bla pregudizzju, l-irritwalita' tal-korrezzjoni moghtija bid-digrieti tat-22 ta' Mejju, l995 u tat-3 ta' Frar, l997, ghax dan mhux il-mod li bih il-konvenut jigi sostitwiet b'iehor;

3. Subordinatament u bla prpegudizzju, is-socjeta eccipjenti ma kienetx l-agenti tas-socjeta estera Cross Water Line, meta gara l-event li suppost ta lok ghad-danni sofferti mill-atturi nominee u fl-inkarigu taghhom ma ghandhomx li huma jistghu jagixxu bhala agenti f'materji li jirrasalu ghall-perjodu qabel ma huma gew mahtura agenti tal-istess socjeta estera, u ghalehkk ghandhom jigu liberati mill-osservanza;

4. Subordinatament u bla pregudizzju, huma mhuma bl-ebda mod responsabbli ghad-danni reklamati;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta Valletta Freight Services Limited debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhied taghha;

Rat id-digrieti tat-22 ta' Mejju 1995 u tat-3 ta' Frar 1997 li bihom gew ordnati korrezzjonijiet fl-isem tal-konvenuti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Jannar 1998 minn fejn jirrizulta li l-attur nomine ddikjara li jaqbel li fiz-zmien tal-presentata tac-citazzjoni s-socjeta Valletta Freights Services Limited ma kinitx l-agenti tas-socjeta estera Cross Waterline;

Rat li l-partijiet iddikjaraw li l-kawza tista tibqa differita ghas-sentenza dwar l-ewwel tlett eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Valletta Freights u dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta Cargo Handling;

Ikkonsidrat :

Is-socjeta assikuratrici attrici, fic-citazzjoni, tippremetti li s-socjeta importatrici Dai Trading Agency Limited, l-assigurati taghha, importat mal-vapur "Ulf Ritcher" konsenja ta' "Sony Equipment". Mal-konsenja l-imsemmija socjeta imporattrici ndunat li kien hemm xi nuqqasijiet. Ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni relattiva s-socjeta assikuratrici attrici ndenizzat lill-assigurati taghha billi hallsithom ghall-imsemmija nuqqasijiet is-somma ta' erba mija u hdax il-lira u tmenin centezmu (Lm411.80) inkluz hamsa u tletin lira (Lm35) ghas-survey li kellha issir. B'hekk is-socjeta assikuratrici attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-istess assigurati taghha. Is-socjeta assikuratrici attrici tippretendi li l-konvenuti jew minn minnhom huma responsabbli ghall-imsemmija nuqqasijiet. Ghalhekk qed issir din il-kawza fejn l-istess socjeta attrici qed titlob li jigi dikjarat li l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghan-nuqqasijiet in kwestjoni u li jigu likwidati d-danni relattivi u li l-konvenuti jew min minnhom jigu kundannati jhallsu d-danni hekk likwidati;

Is-socjeta konvenuta Cargo Handling Company Limited fl-ewwel lok eccipit li m'ghandha l-ebda relazzjoni mal-atturi, stante li s-socjeta Dai Trading Agency Limited qatt ma ssurrogat lis-socjeta attrici u dana kif jirrizulta mid-dokument a fol.7, minn fejn in effett jirrizulta li s-surroga saret minn socjeta ohra u cioe Forestals Appliances Limited. B'hekk is-socjeta attrici m'ghandha l-ebda "Locus Standi";

Is-socjeta konvenuta Valletta Freight Services Limited qed teccepixxi n-nullita tan-notifika tac-citazzjoni u l-avviz ghas-smiegh tal-kawza billi dawn ghandhom l-intestatura ta' Qorti li m'ghadiex tezisti taht il-ligi taghna. Subordinatament teccepixxi l-irritwalita' tal-korrezzjoni moghtija bid-digrieti tat-22 ta' Mejju, l995 u tat-3 ta' Frar, l997, ghax dan mhux il-mod li bih il-konvenut jigi sostitwiet b'iehor. Fit-tielet lok teccepixxi li hi ma kienetx l-agenti tas-socjeta estera Cross Water Line, meta gara l-event in kwestjoni u ghalhekk l-istess socjeta konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Huma dawn l-eccezzjonijiet li ghandhom jigu decizi bil-presenti sentenza;

Fl-ewwel lok ser tigi esaminata l-imsemmija eccezzjoni tal-kovenuti Cargo Handling Company Limited. Din l-eccezzjoni hi fis-sens li ma jirrizultax li l-imsemmija socjeta importatrici, Dai Trading Agency Limited, qatt issurrogat lis-socjeta attrici assikuratrici f'xi drittijiet konnessi mal-importazzjoni tal-merkanzija in kwestjoni. In effett mid-dokument li s-socjeta attrici esibit (fol.7) jirrizulta li kienet socjeta ohra li ddikjarat li thallset ghan-nuqqasijiet in kwestjoni u ghalhekk issurrogat lis-socjeta attrici fid-drittijiet kollha taghha;

Konsegwentement dak li gie premess fic-citazzjoni mis-socjeta attrici ma jirrizultax ippruvat. Konsegwentement ukoll ma jirrizultax li s-socjeta attrici ghandha "locus

standi” f’dawn il-proceduri u dana mhux biss fil-konfront tas-socjeta eccipjenti Cargo Handling izda ukoll fil-konfront tas-socjeta konvenuta l-ohra Valletta Freight;

In vista tal-premess is-socjetajiet konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Mhux il-kaz ghalhekk li jigu ukoll esaminati l-imsemmija eccezzjonijiet as-socjeta konvenuta Valletta Freight;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta Cargo Handling u b’hekk tiddikjara li ma jirrizultax li s-socjeta attrici assikuratrici ghandha “locus standi” f’dawn il-proceduri u b’hekk tillibera z-zewg socjetajiet konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju;

Spejjez kollha kontra s-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------